MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 113/2006

**Salvu Rotin (424636), u John (430466) u Adolf (302774) ahwa Rotin.**

**vs**

**Carmelo Rotin.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Salvu Rotin, u John u Adolf ahwa Rotin datat 16 ta' Frar 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi Grazzja Rotin, omm ir-rikorrenti Salvu Rotin, kienet cediet u ttrasferiet lil binha, l-istess Salvu Rotin, il-qbiela li kellha fuq porzjoni ta' art f'Santa Lucija (delineata bl-ahmar Dok. "A"), maghrufa bhala 'tal-Barumbara', limiti tax-Xewk, u dan kif jirrizulta wkoll mid-dokument irrilaxxat

mid-Dipartiment tal-Agrikoltura data 26 ta’ Jannar 1945. (Dok.‘B”).

Illi xi zmien wara, l-istess Salvu Rotin, bi ftehim mal-konvenut u ma’ Nazzareno Pace, li jigi r-ragel ta’ ohtu Agatha Pace, bil-bona grazzja u a kompjacenza tieghu, ippermetta lil dawn iz-zewg persuni sabiex kull wiehed ikun jista’ jezercita l-passatemp tieghu tal-kacca u l-insib minn parti minn din l-ghalqa, u cioe`, Carmelo Rotin mill-partijiet delineati bl-ahmar fl-anness Dok. “C”, u Nazzareno Pace mill-parti immarkata bl-isfar fuq l-istess Dok. “C”. Ghal dan, Salvu Rotin qatt ma talab, u wisq inqas ma thallas, xi kera jew inghata xi forma ta’ kumpens. Il-ftehim car kien li l-konvenut u Nazzareno Pace setghu jikkaccjaw jew jonsbu minn dik l-ghalqa, dejjem ghall-kompjacenza tar-rikorrenti.

Illi l-attur Salvu Rotin dejjem hallas il-qbiela hu, l-ewwel lil Baruni Testeferrata Moroni Viani u wara lill certu Victor Denano (Dok. “D”), u kellu wkoll ktieb tar-raba’ fuq ismu (Dok. “E”).

Illi sussegwentement, Salvu Rotin ippermetta liz-zewg qraba tieghu sabiex anke jizirghu xi patata jew hxejjex f’parti fejn hemm hamrija u dan ghal konsum tal-familja taghhom stess.

Illi hames snin ilu, Agatha u Nazzareno Pace irritornaw lill-attur Salvu Rotin il-pussess ossia tgawdija tal-porzjon tal-ghalqa immarkata bl-isfar fid-Dok. “C”.

Illi l-intimat Carmelo Rotin, da parti tieghu, mhux biss irrifjuta li jirritorna l-pussess ta’ dik il-porzjoni tal-ghalqa lill-atturi, izda talab kumpens finanzjarju u kif ukoll in-natura; beda jikkawza sensiela shiha ta’ incidenti, u baghat diversi kwereli tal-Pulizja kontra l-atturi (Dok. “F – I”). Fis-16 ta’ Awwissu 2000, il-konvenut intavola citazzjoni (Citazzjoni numru: 1705/00RCP), fejn talab li jigi rikonoxxut bhala wiehed mill-kerrejja, u sabiex jigi registrat bhala bidwi mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Din il-kawza ghadha pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti. Fil-frattemp, it-tfal tal-konvenut, u cioe` Salvatore Rotin, John Rotin u n-neputi

tieghu Alfred Spiteri instabu hatja mill-Qorti tal-Magistrati talli nqabdu jikkaccjaw illegalment mill-istess porzjon ta' ghalqa. Dan gie kkonfermat mir-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija (Taqsima ALE) fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2005 fil-kawza surreferita, pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi permezz ta' zewg kuntratti pubblici, wiehed datat 3 ta' Ottubru 2000, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion (Dok. "J"), u l-iehor tal-14 ta' Lulju 2003, in atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit ("K"), ir-rikorrenti l-ohra, John Rotin u huh Adolf Rotin akkwistaw l-art kollha in kwistjoni, u cioe` erbat elef, tmien mija u hamsa u sittin metri kwadri (4,865m.k.) maghrufa bhala tal-Barumbara, fil-limiti ta' Santa Lucia u Hal Tarxien.

Illi permezz ta' ittra datata 5 ta' Jannar 2006 (Dok. "L") ir-rikorrenti regghu nterpellaw, ghall-ahhar darba, lill-intimat sabiex jivvaka mill-ghalqa *de quo*. Dan sar bis-sahha tad-dritt moghti lill-esponenti mill-**Art. 526 tal-Kap 16**. Permezz ta' ittra datata 16 ta' Jannar 2006 (Dok. "M"), l-intimat irrifjuta li jaghmel dan, *nonostante* li hu jaf ben tajjeb li l-atti semplici ta' tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist ta' pussess legittimu.

Illi l-atturi jafu personalment b' dawn il-fatti kollha.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tordnalu sabiex fi zmien qasir u perentorju minnha stabbilit, jizgombraw mill-porzjonijiet li qed jokkupa minn dik l-ghalqa aktar 'il fuq ahjar deskritta, maghrufa bhala 'tal-Barumbara', limiti tax-Xewk, f'Santa Lucia, previa dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-attur qieghed jokkupa dawk l-istess porzjonijiet minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.;

Rat id-dokument esebiti u l-lista tax-xhieda a fol. 3 sa fol. 35 tal-process

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tas-16 ta' Mejju 2006.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Carmelo Rotin datata 7 ta' April 2006 a fo. 41 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-esponenti ilu jahdem l-art in kwistjoni ghal ghexieren ta' snin u ghandu titolu ta' qbiela, kif ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi permezz tal-kawza bic-citazzjoni numru 1705/00/RCP l-esponenti qieghed jitlob sabiex il-Qorti tiddikjara li huwa wiehed mill-kerrejja tar-raba meritu tal-kawza odjerna u cioe` tal-art maghrufa bhala tal-Barumbara, li tinsab f'Rahal Gdid fl-inhawi fuq wara tac-Cimiterju tal-Addolorata faccata ta' Santa Lucija.

3. Illi ghalhekk isegwi illi l-kawza odjerna giet istitwita inutilment *stante* li t-talba tal-atturi hija duplikazzjopni tal-kawza istitwita mill-konvenut.

4. Illi, ghalhekk, fi kwalsiasi kaz il-kawza odjerna ghandha tigi sospiza sakemm tigi deciza l-kawza istitwita mill-konvenut jew inkella timxi maghha *stante* li fiha gia` ngabru kwantita` ta' provi.

5. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet imsemmija fiz-zewg paragrafi precedenti, l-esponenti m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Carmelo Rotin a fol. 42 u 43 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-16 ta' Mejju 2006 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Marco Ciliberti a spejjez

provizorjament tar-rikorrenti u l-kawza giet differita ghar-rapport ghad-9 ta’ Novembru 2006.

Rat in-nota tal-atturi kollha datata 20 ta’ Settembru 2006 a fol. 67 tal-process li permezz tagha ipprezentaw kopja tax-xhieda li taw ir-rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Agrikultura u tar-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kawza fl-ismijiet “Carmelo Rotin vs Salvu Rotin” (Cit. Nru. 1705/00/ RCP).

Rat ir-rikors tal-attur datat 20 ta’ Marzu 2007 (fol.134) fejn talab lill-Qorti joghogobha tannetti dan ir-rapport (anness ma l-istess rikors) ma’ l-atti tal-kawza Salvu Rotin et vs Carmelo Rotin (Rik Nru. 113/06/RCP); u l-Qorti anke peress li ma kienx hemm oppozizzjoni minn Dr. Frank Cassar ghall-konvenut laqghet it-talba b’digriet tal-4 ta’ April 2007 a fol. 135 tal-process.

Rat ir-rapport tekniku tal-Perit Tekniku Joseph Buhagiar esebit bhala Dok. “Z1”.
Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Perit Legali Dr. Marco Ciliberi, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati kif huma esebiti a fol. 145 sa fol. 330 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti datat 20 ta’ Novembru 2007 u mahluf fis-6 ta’ Dicembru 2007, liema rapport jinsab esebit a fol. 347 sa fol. 404 tal-process.

Rat in-nota ta’ kritika tal-atturi datata 29 ta’ April 2008 a fol. 408 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut datata 17 ta’ Novembru 2008 a fol. 420 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2008 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2009.

Rat in-nota tal-attur datata l-1 ta’ Dicembru 2008.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digriet relattivi taghhom.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-Qorti qabel xejn tinnota li din il-kawza u l-kawza fl-ismijiet "Carmelo Rotin vs Salvu Rotin et" (Citazzjoni Numru 1705/2000/RCP mxew flimkien u peress li certament li l-mertu tal-istess huwa konness tordna li l-provi f'kawza jigi kkunsidrati bhala provi fil-kawza ohra u vici versa.

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut sabiex jigi zgumbrat minn porzjon ta' art delineata bl-ahmar fuq il-pjanta Dok. "C" annessa mar-rikors guramentat maghrufa bhala tal-Barumbara, limiti tax-Xewk, Santa Lucija, u dan ghaliex l-atturi qed jallega li l-konvenut qed jokkupa l-istess art minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Il-konvenut ghal dan eccepixxa li huwa jokkupa l-istess porzjoni ta' art b'titolu ta' qbiela.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti jirrizulta li l-ghalqa indikata fil-pjanta esebita bhala Dok. "A" fir-rikors guramentat kienet giet imqabbla lil Salvu Rotin, missier il-kontendenti. Illi fin-1947 qabel ma' miet Salvu Rotin gie allegat li din l-ghalqa giet registrata fuq Grazzja Rotin, li wara l-mewt ta' zewgha baqghet tahdem l-istess ghelieqi.

Illi l-attur Salvu Rotin jallega li fis-sena 1960 Grazzja Rotin cediet l-istess qbiela lilu ghaliex kien ghadu l-unika guvni id-dar u kien jahdem l-istess raba' ghalkemm ix-xoghol tieghu kien dak ta' tqeghid tal-madum. Fis-sena 1968 huwa jghid li ta b'mera tollerenza u bi pjacir lill-konvenut u lir-ragel t'ohtu Nazzarreno Pace bicctejn mill-istess

ghelieqi ghal skopijiet ta' kacca u nsib. F'dan is-sens hemm ix-xhieda ta' Agata u Nazzareno Pace. Minkejja dan meta s-sid Victor Denaro ried ibiegh l-istess ghalqa, huwa kien sejjah lill-hutu (nkluz lill-konvenut) sabiex jara jekk kienux interessati jixtru l-istess raba'; ghall-prezz mitlub hadd mill-kontendenti ma' kien interessat ghalkemm finalment l-istess ghalqa giet mixtrija minn ulied l-attur Adolf u John Rotin permezz ta' kuntratti datati 3 ta' Ottubru 2000 u 14 ta' Lulju 2003. Fil-fatt l-istess sidien odjerni jikkonfermaw li l-konvenut kien juza l-istess ghalqa biss ghal skopijiet ta' kacca u insib ghalkemm jikkoncedi li gieli l-istess konvenut zergha xi haga.

Illi min-naha l-ohra Carmelo Rotin jghid li huwa kien ilu jahdem l-ghalqa minn mindu kellu 12-il sena, u li kien huwa li kompla jahdem l-istess ghalqa anke` wara l-mewt ta' missieru, tant li baqa' huwa biss jahdem l-istess raba' anke wara li ommu refghet mix-xoghol.  Ma' dan izzid li meta omm il-kontendenti ma baqghetx tahdem l-istess raba' hija qasmet l-istess raba' bejn it-tliet ahwa, u dan permezz ta' polza li ttelghet minn Emanuel Rotin, iben il-konvenut, li kien ghadu tifel. Wara li telghet il-polza huwa baqa' jahdem il-parti li misset lilu u anke l-parti li misset lill-attur u dan ghal 25 sena shah sas-sena 1998 sakemm kien hemm incident meta l-bieb tal-ghalqa safa mahruq u wara dan l-attur qallu sabiex ma jibqax jahdem il-bicca tieghu. Tul dan iz-zmien kollu huwa jghid li dejjem hallas sehmu tal-qbiela lill-attur. Din ix-xhieda ta' Carmelo Rotin hija kkonfermata mix-xhieda ta' uliedu Saviour, John u Emmanuel Rotin.

Illi din ix-xhieda tal-konvenut hija kkonfermata mix-xhieda ta' Alfred Spiteri li sostna li l-attur kien beda jersaq lejn ir-raba' biss meta nqala' l-inkwiet u qabel l-istess ghelieqi kienu jinhadmu proprju mill-konvenut Carmelo Rotin.

Illi kif jirrizulta mill-atti tal-kawza wahda mill-punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet hija li fil-fatt il-konvenut ma kienx jahdem parti mill-istess ghalqa izda biss juza ghall-kacca u nsib, izda mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Buhagiar (Dok. “SMR 35”) jirrizulta li fil-fatt partijiet mill-ghalqa li kienu ghand il-konvenut u l-attur kien jinhadmu

bejn is-snin 1967 sal-2004, u dik il-parti li kienet ghand il-konvenut baqghet tinhadem sas-sena 2006, mentri li dawk il-partijiet li kienu ghand Agata Pace u Salvu Rotin ma kienux baqghu jinhadmu bejn in-1998 u 2004. B'hekk dan ifisser li kontra t-tezi attrici, l-istess porzjoni li kienet ghand il-konvenut kienet tinhadem minnu u mhux uzata ghal skopijiet ta' kacca u nsib, u din ix-xhieda teknika u ndipendenti tikkonferma t-tezi tal-konvenut u tmur kontra t-tezi attrici.

Illi hemm ukoll il-fatt li ghalkemm Nazzareno Pace f'din il-kawza xehed li l-konvenut kien juza biss l-istess ghalqa minnu okkupata ghall-skopijiet ta' kacca pero` fix-xhieda li huwa stess ta fl-14 ta' Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Salvu Rotin" (Dok. "SMR 36 – fol. 289) huwa jghid li l-istess konvenut ilu jahdem l-istess art minn meta saret il-qasma bejn l-ahwa u mhux biss izda jghid ukoll li l-bicca ta' Salvu kienet tinhadem minnu jew minn Carmelo ghaliex l-attur kien ikun imhabbat bix-xoghol. Dwar il-parti li kien jahdem huwa qal li din hija llum ta' Salvu *"u dan ghax tajthielu jien".*

Illi fix-xhieda li l-istess attur kien ta fl-istess procedura kriminali fis-seduta tat-3 ta' Frar 2004 (Dok. "SMR 33" – fol. 263) jirrizulta li dwar l-involviment tieghu fl-istess ghalqa huwa strah fuq il-pretensjoni tieghu li l-biljett tar-raba' kien fuq ismu u kien evasiv fir-risposti tieghu ghad-domandi lilu maghmula li huwa ma kienx jahdem l-ghalqa.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-biljett tar-raba' jinsab fuq isem l-attur jinghad li l-kopja fotostatika tal-biljett tar-raba' datat 16 ta' Novembru 1966 (Dok. "E" – fol. 16) tinsab effettivament fuq isem Salvu Rotin indikat bil-laqam "Ta Gori" li huwa l-laqam ta' missier il-kontendenti, u b'hekk tindika li l-istess raba' fil-fatt ma kienx registrat fuq isem l-attur, u dan ghaliex l-attur huwa maghruf bil-laqam "Tat-Taljan" (xhieda tal-attur datata 27 ta' Novembru 2002).

Illi huwa sinifikanti wkoll li dwar l-istess kopja tal-biljett l-attur kien hemm dikjarazzjoni datata 28 ta' April 2005 (Dok. "SMR 39 – fol. 3000) fejn qal li kien tilef il-biljett originali (Dok. "VV3") u din il-Qorti thoss li f'din ic-

cirkostanza jirrizulta li dak li pprova jaghmel l-attur kien li japprofitta ruhu mill-fatt li huwa kellu l-isem identiku ta' missieru sabiex jipprova jirregistra raba' fuq ismu, izda dan it-tentattiv ma' rnexxhiex ghall-kollox kemm ghaliex il-laqam baqa' indikat bhala ta' missieru u mhux tieghu, u wkoll peress li l-indirizz indikat fl-istess dikjarazzjoni kien dak ta' 129, Sta. Domenika Street, Zabbar, (li kien l-indirizz tieghu 30 sena qabel) u mhux dak tieghu ta' dak in-nhar "Ta' Pinu", Triq Agata Barbara, Zabbar . (ara affidavit ulterjuri ta' Saviour Rotin datat 21 ta' Novembru 2006 (Dok. "ROT 6" fol. 174 *et sequitur* ). L-indirizz tal-attur indikat fil-kawza huwa dak ta' "La Scala", Triq Agata Barbara, Zabbar u hekk ukoll fil-korrispondenza esebita minnu fl-istess kawza anke mar-rikors guramentat.

Illi mhux hekk biss izda b'kumbinazzjoni d-data tal-istess dikjarazzjoni tat-28 ta' April 2005, hija d-data meta l-attur jghid li trasferixxa l-istess raba' lill-uliedu.

Illi dwar ix-xhieda ta' Agatha Pace jinghad li hija kienet kategorika meta sostniet li kienet saret qasma tal-istess ghelieqi minn ommhom. Dwar ix-xhieda l-ohra taghha jinghad li fl-ahjar ipotezi din ma hijiex wisq attendibbli meta wiehed jikkonsidra li fil-kontro-ezami taghha datat 27 ta' Marzu 2007 hija sostniet li *"f'seduta ohra llum jiena xhedt illi jiena ma' ridtx nitla nixhed u li allura kont mort ghand in-Nutar biex niddikjara li jiena insejt kollox"* (*a tergo fol. 159*). Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan iwaqqa' l-affavit taghha datat 15 ta' Marzu 2005 – fol. 58).

Illi dwar l-allegazzjoni li l-attur dejjem hallas il-qbiela huwa jirrizulta li dan ma huwiex strettament korrett ghaliex kif jidher mir-ricevuta a fol. 15 tal-process datata Ottubru 2000 li fil-fatt hemm kienet thallset qbiela ta' 18-il sena shah u l-ircevuti jidhru li hargu kollha fuq Salvu Rotin li huwa ukoll l-isem ta' missier il-kontendenti. Izda mhux biss izda jidher li l-ircevuti kollha tal-qbiela kollha gew mahruga fuq isem Salvu Rotin. Imkien ma hemm indikat li tali qbiela kienet inqalbet minn fuq isem missier l-attur ghall fuq ommu Grazzja u wara ghal fuq l-attur, iben l-istess Salvu u Grazzja Rotin. Fil-fatt din il-Qorti thoss li

dak li gie ppruvat huwa li l-istess qbiela dejjem baqghet bhala ricevuti f'isem missier il-kontendenti.

Illi din il-Qorti thoss li l-istess qbiela wara l-mewt ta' missier il-kontendenti Salvu Rotin fil-15 ta' Marzu 1946 marret b'uzufrutt ghand martu Grazia Rotin in vista ta' klawsola 3 tat-testment *unica charta* datat 18 ta' Marzu 1945, li tul hajjitha qasmet l-istess raba bejn it-tlett (3) uliedha, l-attur u l-konvenut u Agatha Pace kif jirrizulta ukoll mill-laqgha li saret bejn l-istess tliet ahwa li a bazi taghha ittellghu bix-xorti kull parti li kellha tinhadem minn kull wiehed u wahda minnhom u din giet identifikata permezz ta' pjanta indikata bhala Dok. "C" mal-att ta' din ic-citazzjoni, u l-pjanta esebita bhala Dok. "SR 6" (esebita fil-process Citaz. Numru 1705/00/RCP) u Dok. "CR1". Wara l-mewt ta' l-istess l-istess ghalqa ddevolviet ukoll b'titolu ta' qbiela favur l-istess tlett ulied Grazzia Rotin in virtu ta' klawsola 5 tat-testment *unica charta* indikat fejn l-istess gew nominati bhala eredi universali taghha. Dan huwa rikonnoxxut anke mill-**artikolu 2 tal-Kap 199** li jinkludi bhala kerrej *"kull membru tal-familja….. li matul l-ahhar sena qabel il-mewt tal-kerrej…..kien qed jahdem ir-raba' mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej".*

Illi f'dan il-kuntest jinghad li fir-registru tar-registrazzjoni tar-raba' kull ma hemm huwa li tali raba' kienet registrata fuq isem Salvu Rotin u hemm marka b'salib ta' Grazia Rotin datata 26 ta' Jannar 1945 li jinghad li saret *"on behalf of her husband".* Jirrizulta li dan id-dokument huwa intestat favur Salvu Rotin indikat bil-laqam "Ta' Gori" l-ewwel fl-indirizz 17, Xintill Street, Tarxien, u mbaghad dan gie mhassar ghal dak ta' 129, St. Domenic Street, Zabbar. Bhala rimarki hemm li fis-27 ta' Marzu 1947 inghad li Grazia Rotin ma' baqghetx cediet l-istess raba' izda ma hemm xejn indikat favur min dan (Dok. "AF 2"). Ma jidhirx li hemm xi firma ta' Grazia Rotin, u ovvjament ix-xhieda ta' Alfred Farrugia ghan-nom tad-Direttur tal-Agrikoltura moghtija fil-5 ta' Mejju 2004 dwar l-istess dokument hija zbaljata ghaliex huwa qed jirreferi ghall-marka bis-salib tal-istess omm il-kontendenti li jidher li saret fis-26 ta' Jannar 1945 *"on behalf of her husband"* u allura data meta kien ghadu haj zewgha. Ghal dak li jirrigwarda d-

data tas-27 ta’ Marzu 1947 certament li l-Qorti ma hijiex qed tara ebda firma ta’ Grazia Rotin. Fid-dawl ta’ dan kollu u fid-dawl ukoll tal-allegazzjoni tal-attur Salvu Rotin li ommu kienet dawret ir-raba’ fuqu fis-sena 1960 certament li mill-istess dokument u mix-xhieda ta’ l-istess ufficjal dan ma jirrizultax pruvat u ghalhekk lanqas f’dan il-kuntest ma’ jista’ jinghad li l-azzjoni attrici giet ippruvata.

Illi dan jinghad apparti l-fatt li fi kwalunkwe kaz ir-registrazzjoni tar-raba’ fuq isem persuna ma tindikax li din hija prova ta’ titolu ta’ qbiela **(“Francis Farrugia vs Robert Farrugia”** P.A – 27 ta’ Mejju 2004), u dan qed jinghad anke jekk mill-kumpless tal-provi f’din il-kawza ma jirrizultax li tali raba’ fil-fatt giet registrata f’isem l-attur.

Illi dwar l-allegata assenjazzjoni ta’ qbiela favur l-attur jinghad li dan seta’ jsir biss permezz ta’ skrittura, u ma jidhirx li hemm xi skrittura f’dan is-sens. F’dan il-kuntest jinghad ukoll li l-imsemmi Alfred Farrugia fix-xhieda tieghu tal-20 ta’ Jannar 2000 sostna kieku Grazzja Rotin riedet titrasferixxi l-ghalqa ghal fuq binha Salvu Rotin hija kellha tiffirma l-karti li ghandhom appositivament id-dipartiment ghal dan l-iskop, dwar l-istess jinghad *“karti bhal dawn ma nsabu xejn”.* Illi dan ir-rekwizit johrog kemm mid-disposizzjoni tal-**Kap 199** li jirreferu ghall-cessjonarju tal-kirja u kemm mid-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1470 (1) tal-Kap. 16** fejn jinghad li tali cessjoni ta’ drittijiet tista’ ssir biss bil-miktub u prova ta’ din l-allegata cessjoni ma tezistiex lanqas minn xi formuli tal-istess dipartiment tal-agrikoltura.

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument jigi ritenut li r-ricevuti tal-kera baqghu jinhargu f’isem l-attur Salvu Rotin (anke jekk din il-Qorti thoss li tali isem jirreferi ghal dak tal-missier) dan ma huwa ebda ostakolu li l-konvenut huwa u ghandu jigi rikonnuxxut bhala kerrej, ghaliex in effetti jirrizulta li b’effett tal-istess qasma tal-ghelieqi, u wkoll bil-mewt ta’ omm il-kontendenti, tali raba’ effettivament kienet tenuta b’titolu ta’ qbiela mit-tlett ulied ta’ Grazzia Rotin bhala eredi ta’ l-istess, u anke jekk ricevuta nharget fuq wiehed minnhom, dan ma’ jbiddel xejn mill-istat ta’ fatt li tali qbiela kienet tezisti favur it-tlett ulied, inkluz iz-zewg

kontendenti u s-sid ma jistax ma jirrikonixiex dan l-istat ta' fatt **("A. Bonello Limited vs Luigi Agius"** – A.I.C. 4 ta' Mejju 2005.

Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda peress li din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-konvenut ghandu titolu ta' qbiela fuq l-art mertu tal-kawza odjerna.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba attrici** ghaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------